# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 274/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Melvin Camilleri)

v.

**Louis Bernardello**

iben Antoine , imwieled Tunis, fl-10 ta' Jannar, 1935, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 350000(L)

u

**Paul Busuttil**

iben Lorenzo , imwieled Birzebbuga, fis-26 ta' Lulju, 1943, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 501543(M)

u

**Peter Paul Camilleri**

iben Joseph , imwieled Nadur, Ghawdex, fl-24 ta' Ottubru, 1942, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 63642(G)

u

**Vincent Chircop**

iben Francis , imwieled Birkirkara, fit-13 ta' Mejju, 1951, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 451051(M)

u

**Mario Ellul**

iben Sam , imwieled Awstralja, fl-1 ta' Mejju, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 501682(M)

u

**Michael Bonnici**

iben Saviour , imwieled Zejtun, fil-21 ta' Novembru, 1948, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 992748(M)

u

**Francesco Muscat**

iben Salvatore, imwieled Marsaxlokk, fit-8 ta' Jannar, 1954, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 75654(M)

u

**Manweli (Emmanuel) Spiteri**

iben Grazio , imwieled Zejtun, fil-31 ta' Dicembru, 1963, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18064(M)

Illum, 19 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-8 ta' Ottubru 2008, u fix-xhur ta' qabel, gewwa l-fond Kazin ta' Santa Katerina, z-Zejtun, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. hadu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus, jew inkoraggew dak il-loghob, jew ghalkemm ma kienux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghoba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qeghda ssir xi loghba bhal dik, gol-Kazin ta' Santa Katerina, Zejtun, ghal liema fond ma hemm licenzja ghal tali loghob taht l-ebda ligi.

2. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi gewwa l-imsemmija fond, minghajr permess bil-Ligi ghamlu jew ippruvaw jaghmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-ghemil ta' xi mhatra maghduda, imhatra li ghandha x'taqsam ma' xi loghba, sport, jew grajja f'Malta jew x'imkien iehor, jew li kienu prezenti f'xi post fejn ikun qed issir xi mhatra bhal dik.

3. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, operaw ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fl-imsemmi fond, fil-kazin ta' Santa Katerina, Zejtun, jew b'xi mod ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob fuq ir-rizultanzi ta' xi loghob li kien legittimament organizzat barra minn Malta u dan minghajr l-approvazzjoni bil-quddiem u bil-miktub ta' l-Awtorita' kkoncernata.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhorn x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi, illiberat lil Louis Bernardello, Paul Busuttil, Peter Paul Camilleri,

Vincent Chircop, Mario Ellul, Michael Bonnici, Francesco Muscat u lil Manweli (Emmanuel) Spiteri fuq nuqqas ta' provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u ddifferiet il-kawza fil-konfront tal-akkuzati Anthony Deguara, Andrea Fenech u Spridione Grech.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u in vista tal-konsiderazzjonijiet tieghu, tipprocedi u tiddisponi minn dan il-kaz skont il-Ligi u fl-ahjar interess tal-Gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghal-liberatorja meta naqset li tosserva formalita' sostanzjali procedurali.

Illi l-kaz odjern jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u is-smiegh ta' din il-kawza kien appuntat ghat-23 ta' Mejju, 2013. Il-prosekuzzjoni mmexxija mill-Ispettur Melvyn Camilleri u mill-Ispettur Raymond Aquilina riedu jixhdu dwar l-investigazzjoni taghhom quddiem il-Qorti msemmija, htiegilhom jezebixxu s-Sanzjoni tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 74(2) tal-Att Dwar Lotteriji u Loghob iehor, Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-fedina penali, l-istqarrijiet u id-dokumenti ghall-fini tal-identifikazzjoni tal-akkuzati, xtaqu jtellghu jixhdu lill-Ufficjali tal-Pulizija li kienu xiehda tal-istqarrijiet u li kienu marru fuq il-post meta saret l-imsemmija raid, riedu li jixhdu tal-Forensika sabiex jezebixxu r-ritratti u l-oggetti elevati in sostenn tal-akkuzi migjuba kontra l-appellati. Harsa hafifa lejn it-tarf tat-tieni pagna tac-charge sheet (fol. 2), turi kif il-Prosekuzzjoni fil-fatt kellha numru ta' xhieda xi tressaq biex jinstemghu quddiem il-Qorti msemmija, u mill-atti processwali ma' jirrizultax li l-Prosekuzzjoni qatt irrinunzjat ghalihom.

Illi ghalkemm dak inhar tas-seduta, u cioe' nhar is-23 ta' Mejju, 2013, il-kawza kienet appuntata biex tinstema' f'nofs inhar, il-Magistrat sedenti, sejjah il-kawza fil-hdax, L-Ufficjal Prosekutur Melvyn Camilleri kien fil-bini tal-Qorti f'awla ohra jipprosekwixxi f'kawza separata. Spettur li ma kellu xejn x'jaqsam mal-kaz u li nzerta kien prezenti fl-awla tal-Magistrat Dr. Micallef Trigona LL.D., cempel lill-Ispettur Melvyn Camilleri sabiex jgharrfu li kien qieghed jigi

mghajjat, pero' minghajr ma stenniet, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, di sua sponte ddecidiet li l-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju. Sussegwentement, ghaddiet ghal gudizzju seduta stante fil-konfront biss tal-akkuzati li nzertaw kienu prezenti.

Illi fil-verbal a fol. 7 tal-atti processwali, hemm ivverbalizzat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju, meta fil-linja segwenti hemm ivverbalizzat li hadd mill-Ispetturi tal-Prosekuzzjoni ma deher!! Illi bir-rispett kollu, din l-affermazzjoni tmur ghal kollox kontra il-buon sens. L-esponent jistaqsi bir-rispett, kif jista' jkun illi l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni meta l-istess Prosekuzzjoni naqset milli tidher quddiem l-imsemmija Qorti? Bir-rispett kollu, l-Prosekutturi, fl-ebda hin ma talbu s-separazzjoni tal-gudizzju, u wisq inqas ma tennew li ghalqu l-provi u dan propju ghaliex ma kienux ghandhom waslu fizikament fl-awla meta l-kawza giet mghajjta biex tinstema' siegha qabel l-appuntament.

Illi ghalkemm il-kaz odjern instema' ma' dawk il-kawzi hekk imsejha sommarji, il-ligi ma tiddisponiex li tali kawzi ghandhom jinstemghu u jinqatghu f'seduta wahda, u dan qed jinghad b'riferenza ghal artikolu 377(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "meta jinghalaq is- smiegh tal-kawza. dak in-nhar stess, jekk jista' jkun taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputati."
Dan l-artikolu ma jimponix b'mod tassativ li kawzi sommarji ghandhom jinstemghu u jinqatghu f'seduta wahda ghalkemm jindika d-desiderabbilita' li tali kawzi ma jittawlux ghalxejn. Id-dover legali huwa mpost fuq il-Qorti fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza, u dan mhux b'mod stringenti (jekk jista jkun). Il-Qorti hija nkoraggata biex taghti sentenza f'kawza sommarja dak inhar li jinghalqu l-provi, pero' dan ghandu jsir biss jekk possibbli da parti tal-Qorti. Jirrizulta mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni, illi dan l-obbligu jiskatta biss meta l-provi jinghalqu. Nonostante tali disposizzjoni fil-ligi, l-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern, illiberat tmien akkuzati ma l-ewwel seduta, u ordnat differiment fil-konfront tat-tliet akkuzati assenti, qabel biss ma nghalqu l-provi u qabel biss ma l-Prosekuturi talbu s-separazzjoni tal-gudizzju, meta il-Qorti setghet facilment tordna differiment fil-konfront tal-akkuzati kollha in ottemporanza mal-Ligi Proceduralі u mall-gurisprudenza in materia.

Illi l-gurisprudenza nostrana hija ghal kollox kuntrarja ghal-prattici ghaggilin a skapitu tal-korrettezza procedurali, u tikkristalizza l-procedura li ghandha tigi segwita. Fis-sentenza tal-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs. Sandro Caruana, Jason Zerafa u Michael Alain Spiteri' tal-21 ta' Gunju, 2007, deciza mill-Onor Imhallef Emeritus Dr. J. Galea Debono LL.D., gie ritenut:

*‘l-Ewwel Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u mhux taghmel kif ghamlet u tghaddi biex taghti s-sentenza minghajr ma tisma' x-xhud ewlieni u certament indispensabbli tal-prosekuzzjoni'.*

Illi fil-kaz odjern, ma thallha jinstema ebda xhud tal-prosekuzzjoni u dana b'disrispett assolut tar-regoli procedurali, Il-principju procedurali li kawza ghandha tkun differita sabiex jinstemghu xhieda indispensabbli, huwa tant assodat, illi fil-kaz 'Il-Pulizija vs. James Galea', Appell Kriminali Nru. 290/2008, datata 22 ta' April 2009, l-Onor Imhallef Dr. David Scicluna LL.D. jaghmel referenza ghas-sentenza 'll-Pulizija vs. Mark Heraghty' tat-28 ta' Settembru 2006, liema sentenza tirreferi ghal sensiela ta' sentenzi li jsostnu l-importanza ta' tali procedura, fosthom: 'Il-Pulizija vs. Clive Debono' tal-14 ta' Settembru 2004, 'll-Pulizija vs. Anne Montfort' tat-30 ta' Settembru tal-2004, 'Il-Pulizija vs. Kevin Debono', tal-1 ta' Gunju 2006, 'Il-Puliziia vs. Mario Saliba' tal-15 ta' Ottubru 1982, 'll-Pulizija vs. Mario Magri' tat-28 ta' Mejju 1993, 'Il-Puiizija vs. Francis Callus' tat-30 ta' Settembru 1993, 'Il-Puliziia vs Anthony Zarb' tat-22 ta' Ottubru tal-1993, 'Il-Puliziia vs. Joseph Abdilla et: tat-3 ta' Dicernbru 1993 u 'Il- Pulizija vs. Francis Borg' tal-10 ta' Dicembru 1993.

Illi fis-sentenza 'Il-Pulizija vs. James Galea', Appell Kriminali Nru. 290/2008, datata 22 ta' April, 2009, l-Onor Imhallef Dr David Scicluna LL.D. tenna li tali inosservanza procedurali tirrendi l-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali difettuz u ghaldaqstant annullabbli:

*Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu*

*413(1)(b)(vi) tal-Kap 9. li propju jaghti d-dritt ta' appell lill-Avukat Generali fkazijiet analogi.*

*Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ia' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi,ma tkunx tista' twettaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata'.*

Illi di piu', siccome din il-kawza kienet tittratta akkuzi li jitnisslu mill-'Att dwar Lotteriji u Loghob iehor', il-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, is-Sanzjoni tal-Avukat Generali biex tibda' tinstema' din il-kawza kien rekwizit indispensabbli. Fil-fatt, l-artikolu 74(2) ta' dana l-Att jaqra: "Ebda procedimenti ghal xi reat kontra dan l-Att jew xi regolamenti maghmulin tahtu m'ghandhom jinbdew minghajr is-sanzjoni tal-Avukat Generali", Il-Ligi bir-rispett kollu hija cara: l-ebda procedura ma setghet tinbeda qabel ma jkun hemm is-Sanzjoni tal-Avukat Cenerali, ahseb u ara, kemm tali procedura setghet titterrnina, qabel din is-Sanzjoni ma giet prezentata mill-Ufficjali Prosekuturi!

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda li l-ewwel Qorti naqset li tosserva formalita' sostanzjali procedurali. Ghalhekk, hu ndispensabbli li tigi analizzata l-iter ta' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti.

Illi c-citazzjoni ghad-dispozizzjoni tal-ewwel Qorti ggib id-data tat-22 ta' Settembru, 2010. L-ewwel data tas-smiegh hi ndikata bhala 8 ta' Frar, 2011.

Illi l-ewwel verbal ta' din il-kawza a fol. 7 tal-process igib id-data tat-23 ta' Mejju, 2013. Ghalhekk, wiehed ma jafx x'gara bejn it-8 ta' frar, 2011 u it-23 ta' Mejju, 2013. Iktar minn sentejn ghaddew u mill-atti ma jirrizulta xejn.

Illi f'dik l-unika seduta jirrizulta li ghal prosekuzzjoni kien prezenti l-Ispettur Kenneth Haber. Jirrizulta wkoll li hemm is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' tlett akkuzati u kien flimkien mal-appellati msemmija fil-korp tac-citazzjoni. Jirrizulta wkoll li l-Ispetturi Melyvn Camilleri u Raymond Aquilina msejha mill-Qorti ma deherux. Lanqas ma jirrizulta l-hin tal-kawza jew f'liema hin kellha tinstema. Billi ma ngabu ebda provi u ma kienx hemm talba biex jinstemghu xi provi, l-Qorti ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza.

Illi fil-kors ta' dan l-appell, din il-Qorti semghet lit-tlett spetturi hawn fuq imsemmija u lir-registratur tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi mix-xiehda tal-Ispettur Raymond Aquilina jirrizulta li fit-23 ta' Mejju, 2013 kien imsiefer. Min imkien ma jirrizulta li hu talab permess lill-Qorti biex isiefer wisq anqas talab biex dik il-kawza tithalla ghal data ohra.

Illi mix-xiehda tal-Ispettur Kenneth Haber jirrizulta li fit-23 ta' Mejju, 2013 hu kien l-ispettur li kien qed imexxi s-seduta tad-distrett taz-Zejtun. Hu xehed li dik il-kawza kienet ta' spetturi ohra li kull darba li kienet qed tissejjah kienet qed tigi differita ghal xi raguni jew ohra. Qal ukoll li l-ispetturi l-ohra ma dehrux u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Ma ta ebda spjegazzjoni kif sar is-separazzjoni tal-gudizzju ta' dawk it-tlett inputati i ma dehrux.

Illi xehed ukoll Ms. Sue Fenech, id-deputat registratur ta' l-ewwel Qorti. Hi qalet li l-kawza kellha numru erbgha (4) u tlieta mill-imputati ma dehrux. Tgghid li kien hemm min talab is-separazzjoni tal-gudizzju izda ma tafx min u fil-verbal ma hemm imnizzel l-isem ta' ebda persuna. Tghid li l-ispettur Kenneth Haber kien prezenti izda z-zewg spetturi ohra msejha biex

jidhru quddiem il-Qorti ma gewx.  Ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kellha ebda provi li bihom tista' tiddecidi.

Illi l-ahhar xhud kien l-ispettur Melyvn Camilleri  li spjega ghaliex dawn il-persuni tressqu l-Qorti.  Hu xehed li l-kawza kellha tinstema f'nofs in-nhar (1200 hours), ircieva telefonata mill-ispettur Kenneth Haber li qallu biex jigi malajr ghaliex il-kawza ser tinstema.  Meta hu mar l-Qorti sab li l-kawza giet deciza.  Skont hu kellu diary entry li tindika li dik il-kawza kellha tissejah fil-hin indikat.

Illi min imkien fl-atti ta' din il-kawza ma jirrizulta li hemm xi verbal li jindika li dik il-kawza kellha tinstema fil-hin indikat mill-ispettur Camilleri.

Illi fic-cirkostanzi tal-fatti hawn elenkati l-ewwel Qorti ma naqas fl-ebda mod li tosserva xi formalita' sostanzjali procedurali u ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali ma jistax jirnexxi.

Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.